QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

IMHALLEF:

ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.

SEDUTA tal-25 ta' Mejju, 2001.

Citazzjoni numru 711/01GC

Malta International Airport plc
Vs.
Gordon Callus

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-

Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attrici is-somma ta' elf erbgha u sebghin liri u ghoxrin centezmi Maltin (Lm1,074.20) dovuta mill-konvenut lis-socjeta attrici in konnessjoni ma' l-"Staff Canteen" li l-konvenut kien jopera fl-ajruport internazzjonali ta' Malta, kif gie accettat mill-konvenut stess fl-iskrittura privata datata s-sitta u ghoxrin (26) ta'Frar, elfejn u wiehed (2001), kopja hawn annessa u markata bhala dokument "A";

ILLI IL-KONVENUT NAQAS MILLI JAGHMEL IL-PAGAMENT DOVUTA LIS-SOCJETA ATTRICI FIT-8 TA

MARZU SENA ELFEJN U WIEHED (2001), U B'HEKK IDDEKADA MILL-BENEFICCJU TAT-TERMINU LILHU MOGHTI FL-ISTESS SKRITTURA PRIVATA;

ILLI GHALKEMM IL-KONVENUT GIE INTERPELLAT SABIEX JHALLAS IS-SOMMA DOVUTA LIS-SOCJETA ATTRICI, BONARJAMENT U ANKE PERMEZZ TA' ITTRA UFFICJALI DATATA 27 TA' MARZU, 2001, DEBITAMENT NOTIFIKATA LILL-KONVENUT FIT-2 TA'APRIL, 2001, (KOPJA LEGALI HAWN ANNESSA MARKATA DOKUMENT "B" IZDA L-KONVENUT XORTA BAQA INADEMPJENTI;

ILLI FIL-FEHMA TAS-SOCJETA ATTRICI, DAN ID-DEJN HUWA VERU, CERT, LIKWIDU U DOVUT, U IL-KONVENUT MA GHANDUX ECCEZZJONIJIET XI JGIB GHAT-TALBA TA' HLAS TAS-SOCJETA ATTRICI;

ILLI GHALHEKK DAN JAGHTI D-DRITT LIS-SOCJETA ATTRICI TIPPROCEDI KONTRA L-KONVENUT BI PROCEDIMENT SOMMARJU SPECJALI KIF PROVDUT FL-ARTIKOLU 167 ET SEQUITUR TAL-KAPITOLU 12 TAL-LIGIJIET TA' MALTA, KIF FIL-FATT QIEGHED JAGHMEL.

TALBET LILL-KONVENUT JGHID GHALIEX DIN L-QORTI M'GHANDIEX:-

1. TIDDECIEDI SKOND IT-TALBA BID-DISPENSA TAS-SMIEGH TAL-KAWZA GHAT-TENUR TAL-ARTIKOLU 167 ET SEQUITUR TAL-KAP. 12 TAL-LIGIJIET TA' MALTA, U

2. TIKKUNDANNA LILL-KONVENUT IHALLAS LIS-SOCJETA ATTRICI IS-SOMMA TA' ELF, ERBGHA U SEBGHIN LIRI U GHOXRIN CENTEZMI MALTIN (LM1074.20) DOVUTA MILL-KONVENUT LIS-SOCJETA ATTRICI GHAR-RAGUNIJIET HAWN FUQ PREMESSI.

BL-ISPEJJES INKLUZI DAWK TAL-VAT U TAL-ITTRA UFFICCJALI TAS-27 TA' MARZU, 2001, U BL-IMGHAX KUMMERCJALI MIS-26 TA' FRAR, 2001 SAD-DATA TAL-HLAS EFFETTIV KONTRA L-KONVENUT LI GIE INGUNT GHAS-SUBIZZJONI.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut li biha ammettia it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mil-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tideeciedi billi tilqa it-talba tas-socjeta attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes kontra il-konvenut.

Imhallef